**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 30 ta' Mejju, 2019

Rikors Guramentat numru : 37/18 AL

**A B f'isimha proprju u ghan-nom u in rapprezentanza tal-minuri C, D u E ahwa F**

**vs**

**G F u b'digriet tas-27 ta' Marzu 2018 l-Avukat Fransina Abela u l-Prokuratur legali Alison Wadge gew nominate bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti G F**

**U**

**H I**
**U**
**Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat mill-attrici, li permezz tieghu ppremettiet :

1. Illi r-rikorrenti zzewget lill-konvenut G F fit-2 ta’ Lulju 2002 (certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok. A);
2. Minn dan iz-zwieg huma ma kellhomx tfal.
3. Kemm ir-rikorrenti u kif ukoll il-konvenut wara li zzewgu baqghu jghixu ghal rashom u qatt ma ghexu flimkien.
4. Il-partijiet qatt ma kellhom x’jaqsmu flimkien u qatt ma kkonsmaw iz-zwieg bejniethom. Meta zzewgu r-rikorrenti kienet tqila b’tarbija ta’ erba` xhur minghand ragel iehor (H I K.I. 224481M).
5. Il-partijiet baqghu jghixu hajja separata.
6. Ir-rikorrenti kellha tlett itfal mal-imsemmi H I li huma:
   A) C (certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat Dok. B)
   B) D (certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat Dok. C)
   C) E (certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat Dok. D)
7. Illi peress li dawn it-tfal twieldu matul iz-zwieg bejn ir-rikorrenti u l-konvenut F, missier it-tlett itfal tar-rikorrenti gew mnizzla taht kunjom il-konvenut Gi F.
8. Illi permezz ta’ affidavit datat l-10 ta’ Frar 2019 G F ikkonferma dak hawn fuq premess (Dok. E).

10. Illi r-rikorrenti taf b’dawn il-fatti personalment
11. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Talbet ghar-ragunijiet kollha premessi, li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi l-minuri C, D u E F huma fil-fatt il-wild naturali ta’ H I;
2. Tordna ghalhekk lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku jhejji l-korrezzjoni fl-atti tat-twelid tal-minuri koncernati, billi jigu kkancellati minn kull fejn jinsabu mnizzla fl-istess att tat-twelid, il-konnotati kollha tal-konvenut G F, kif ukoll tordna li jigi registrat H I in vista tat-tieni talba u jekk mehtieg f’kull att iehor relattiv u sussegwenti;
3. Tordna lill-istess konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku johrog att tat-twelid iehor hekk kif korrett;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li permezz taghha eccepixxa: fol. 43

1. Illi in linea preliminari, għall-inqas mill-atti li ġew notifikati lill-esponenti tidher li hemm nieqsa l-awtorizzazzjoni meħtiega ai termini tal-Artikolu 77C tal-Kodiċi Ċivili u dan għaliex it-terminu stabbilit mil-liġi ta' sitt xhur mit-twelid ta' kull minuri, f'liema perjodu l-persuna ikkonċernata tkun tista' tipproċedi b'kawża ta' denegata paternita' ai termini tal-Artikolu 77A jew Artikolu 77B tal-Kodiċi Ċivili, għadda. Għaldaqstant, f'dan l-istadju għandu jiġi ddikjarat jekk l-attriċi ġietx awtorizzata minn din l-Onorabbli Qorti sabiex tipproċedi b'din il-kawża istanti – u fin-nuqqas ta' dan, f'ġieħ l-ekonomija tal-ġudizzju, l-attriċi għandha tirregola l-pożizzjoni tagħha immedjatament;

2. Illi bla ħsara għas-suespost u prelimarjament ukoll, mill-atti notifikati lill-esponenti hemm ukoll nieqes id-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti li bih ħatret lil Kuraturi Deputati għall-assenti G F;

3. Illi bla preġudizzju għas-suespost u fil-mertu, l-esponenti tiddikjara li m'hijiex edotta mill-fatti hekk kif ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat;

3. Illi fil-mertu, l-esponenti teċċepixxi illi sabiex tirnexxi din l-azzjoni r-rikorrenti trid tipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid tal-minuri, ir-rikorrenti kellha relazzjoni extra-maritali ma' H I u barra minn hekk tipprova xi fatt ieħor li jista' wkoll ikunu testijiet u provi ġenetici li jeskludu lil intimat G F, bħala l-missier naturali tal-imsemmija minuri, u dan ai termini tal-Artikolu 77B tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Illi fl-istess waqt huwa estremament importanti ġialadarba l-minuri għandhom ħmistax, erbatax u tnax-il sena rispettivament, li tiġi megħluba l-prezunzjoni legali maħluqa bis-saħħa tal-Artikolu 81 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta billi

adegwatament u konvinċentement jiġi muri illi l-pussess ta' stat tal-minuri, ma' jaqbilx mal-att tat-twelid tagħhom;

5. Illi bla ħsara għas-suespost f'każ li jintlaqaw it-talbiet tar-rikorrenti, l-esponenti tistieden lil konvenut H I, sabiex jippreżenta d-dettalji personali tiegħu, permezz ta' nota li tispeċifika senjatament: (1) in-numru tal-karta tal-identita’, (2) ismu u kunjomu, (3) l-eta’ tiegħu meta twieled kull l-minuri, (4) il-post tat-twelid tiegħu, (5) il-post ta' residenza tiegħu meta twieled kull minuri, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieled kul l-minuri. Tali informazzjoni hija meħtieġa biex tiġi eventwalment inserita fl-Att tat-Twelid tal-minuri;

6. Illi bla preġudizzju għal premess, f'każ li jintlaqaw it-talbiet tar-rikorrenti, l-esponenti tirrileva illi l-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandhom jassumu l-minuri a tenur tal-Artikolu 92 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

7. Illi bla pregudizzju ghal premess, l-esponenti tissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponenti u kwindi hija m' għandiex tiġi assoġġettata għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

8. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin minn issa jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati Dr Fransina Abela u l-Prokuratur Legali Alison Wadge, li permezz taghha eccepew: fol. 47

1. Illi huma mhumiex edotti mill-fatti li taw lok ghal dina l-kawza u senjatament ghal dan ir-rikors.
2. Illi hekk kif l-attrici tghaddilhom kull taghrif utili l-aktar l-indirizz ta’ G F huma jaghmlu l-almu taghhom biex jikkuntattjawh;

u ghaldaqstant jirriservaw li jdahhlu risposta ulterjuri aktar ‘l quddiem jekk ikun il-kaz.

Rat illi l-konvenut H I, minkejja li debitament notifikat  bir-rikors ġuramentat u bl-avviż tas-smigħ, ma ppreżenta l-ebda risposta ġuramentata u għalhekk qiegħed jiġi ddikjarat kontumaċi.

Semgħet ix-xiehda tal-attriċi A B , fejn hija kkonfermat li uliedha C, D u E, huma l-ulied bijoloġiċi ta’ H I u mhux ta’ G F. Ikkonfermat li n-numru tal-karta tal-identita` ta’ H I huwa XXXX. Meta twieled C fl-2002, huwa kellu wieħed u għoxrin (21) sena, meta twieled D fl-2003, huwa kellu tnejn u għoxrin (22) sena u li meta twieldet E f’April 2006 huwa kellu erbgħa u għoxrin (24) sena.  I dejjem kien residenti l-Marsa. Missieru jismu J I u kien ħaj meta twieldu kull wieħed mit-tliet minuri.

Hija esebiet kopja legali ta’ sentenza ta’ din il-Qorti kif diversament presjeduta fl-ismijiet A B vs. Dottor Joseph Ellis nomine et  illi permezz tagħha iż-żwieġ tagħha ma’ G F ġie iddikjarat null u bla effett ai termini tal-Artikolu 19(1)(f) tal-Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Semgħet ix-xiehda ta’ l-istess H I  fejn dana kkonferma illi huwa l-missier naturali ta’ C, D u E. Huwa jħossu ċert dwar dan u ma jħossx il-ħtieġa illi jsiru t-testijiet tad-DNA. Huwa kien preżenti għat-twelid tat-tliet uliedu. Xehed li jgħidulu illi t-tfal huma photocopy miegħu.

Rat illi ma ġie ppreżentat ebda rapport xjentifiku u ġenetiku in sostenn tal-allegazzjonijiet tal-attriċi.

Rat l-affidavit ta’ G F , fejn dana kkonferma li huwa kien miżżewweġ lill-attriċi, iżda dana f’daqqa waħda u mingħajr ħafna ħsieb. A u hu qatt m’għexu flimkien u anke wara li żżewġu baqgħu jgħixu fir-residenzi rispettivi tagħhom. Huma qatt ma kellhom x’jaqsmu flimkien u b’hekk qatt ma kkunsmaw iż-żwieġ bejniethom. Meta żżewġu, A diġa kellha erba’ xhur tqala b’tarbija ta’ raġel ieħor.

Rat illi l-attriċi permezz ta’ rikors iddatat il-5 ta’ Frar 2019 talbet l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex ai termini tal-Artikolu 73 (recte: 77C) tal-Kapitolu 16, tkun tista’ tipproċedi bil-kawża odjerna minkejja t-trapass tas-sitt xhur mit-twelid tat-tliet minuri; Rat illi permezz ta’ digriet mogħti fit-18 ta’ Frar 2019, il-Qorti laqgħet it-talba tal-attriċi u awtorizzat l-intavolar u l-prosegwiment tal-kawża odjerna ai termini tal-Artikolu ċċitat;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-20 ta’ Frar 2019, fejn il-partijiet kollha qablu illi t-tliet minuri għandhom jassumu l-kunjom tal-missier naturali u cioe I.

Ikkunsidrat:

KONSIDERAZZJONIJIET

Illi l-Qorti għandha quddiemha żewġ azzjonijiet miġbura f’kawża waħda ossia l-azzjoni tal-omm f’isimha proprju ai termini tal-Artikolu 77B tal-Kodiċi Ċivili , u l-azzjoni tal-ulied minuri, debitament rappreżentati minn ommhom, ai termini tal-Artikoli 83 et. seq tal-istess Kodiċi. Illi filwaqt li l-azzjoni tal-omm kellha ssir fi żmien is-sitt xhur mit-twelid tal-minuri, l-azzjoni tal-ulied infushom ma tiġix preskritta . Fi kwalunkwe każ, kif intqal, l-omm ġiet awtorizzata tipproċedi bil-kawża odjerna bid-digriet tat-18 ta’ Frar 2019 u b’hekk l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ġiet debitament sorvolata.

Illi l-Qorti għandha quddiemha talba da parti tar-rikorrenti relatata mal-paternita` ta’ uliedha minuri:
C imwieled lilha nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta’ Novembru tas-sena elfejn u tnejn (2002) ;
D imwieled lilha nhar is-sitta (6) ta’ Novembru tas-sena elfejn u tlieta (2003) ;
E imwielda lilha nhar l-għaxra (10) ta’ April tas-sena elfejn u sitta (2006) ;

Illi l-attriċi tikkontendi li minkejja li C, D u E twieldu meta hija kienet miżżewġa lill-konvenut G F, l-istess minuri mhumiex

ulied l-imsemmi F iżda huma ulied il-konvenut H I. Proprju minħabba l-preżunzjonijiet legali naxxenti mil-liġi, partikolarment l-Artikolu 67 tal-Kapitolu 16, illi l-istess minuri ġew imniżżla fiċ-ċertifikat tat-twelid bħala l-ulied naturali tal-intimat G F, qua żewġ omm it-tarbija. Illi ż-żwieġ bejn l-attriċi u l-konvenut F preżentement ġie ddikjarat null għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi.

Għalhekk permezz ta' din il-kawża, ir-rikorrenti qiegħda titlob lill-Qorti sabiex tiddikjara li l-konvenut I huwa l-missier naturali ta' C, D u E u sabiex sussegwentement isiru l-korrezzjonijiet neċessarji fiċ-ċertifikati tat-twelid tagħhom billi l-konnotati ta' G F jiġu kkanċellati minn fuq l-istess ċertifikati u jiġu sostitwiti bil-konnotati tal-konvenut I bħala l-missier.

Il-Qorti rat is-Subtitolu I tat-Titolu II tal-Kodiċi Ċivili, illi jirrigwarda il-filjazzjoni tal-ulied imnissla jew imwielda matul iż-żwieġ, partikolarment l-Artikolu 77B, illi fuqu hija msejsa l-kawża odjerna. Dan jistipula:

77B. It-talba ġudizzjarja għad-dikjarazzjoni li persuna huwa ġenitur kif imsemmija fl-artikolu ta' qabel dan, tista' wkoll tiġi eżerċitata mill-ġenitur li wiled permezz ta' rikors ġuramentat quddiem il-qorti kompetenti kontra l-konjuġi l-ieħor, il-ġenitur naturali u l-wild imwieled fiż-żwieġ jekk kemm-il darba tali ġenitur li wiled jipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid tal-wild tali ġenitur wettaq adulterju ma' dik il-persuna li dak il-ġenitur ikun qiegħed jitlob li jiġi ddikjarat bħala l-ġenitur naturali tal-wild u barra minn hekk jipprova xi fatt ieħor li jista' wkoll ikunu testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi li x'aktarx jindikaw lil dik il-persuna bħala l-ġenitur naturali tal-wild.

Illi fil-każ odjern, il-Qorti ma tistax isserraħ fuq iċ-ċertezza tat-testijiet ġenetiċi illi jistabilixxu jekk il-minuri humiex ulied il-konvenut I o meno. Ma ġie ppreżentat ebda rapport xjentifiku u ġenetiku in sostenn tal-fatti allegati mill-attriċi. Iżda huwa risaput illi skont il-liġi, m'humiex it-testijiet ġenetiċi biss li jservu bħala prova dwar il-paternita` tal-ulied, għalkemm l-istess

dejjem ġew ritenuti bħala l-prova reġina f'kawżi bħal din, u li jegħlbu kwalsiasi preżunzjoni legali.

Illi fil-każ in eżami, minkejja n-nuqqas tal-provi ġenetiċi u xjentifiċi, il-Qorti hija xorta waħda moralment konvinta li l-verżjoni tal-attriċi hija veritiera u li l-minuri C, D u E huma ulied naturali tal-konvenut I. Dana jirriżulta kemm miċ-ċertezza li xehdu biha l-attriċi u l-allegat missier naturali, u wkoll mid-dikjarazzjoni inkonfutabbli tal-konvenut F illi bil-ġurament ikkonferma li huwa qatt ma kellu relazzjonijiet sesswali mal-attriċi. Illi bla dubju, iż-żwieġ tal-attriċi mal-konvenut F kien biss wieħed ta' konvenjenza u li effettivament l-attriċi kienet stabbiliet nukleu familjari mal-konvenut I. Għaldaqstant il-Qorti tara li m'hemm l-ebda raġuni għaliex it-talbiet attiċi m'għandhomx jiġu akkolti.

Dwar il-kunjom li għandhom jassumu l-minuri C, D u E

Illi l-partijiet kollha qablu illi l-minuri jsiru magħrufa bil-kunjom I. Il-Qorti rat illi ħadd mill-ulied ta' A, tramite l-kuratur tagħhom, ma wera x-xewqa u talab li jibqa' magħruf bil-kunjom F, kif talvolta setgħu jagħmlu bl-applikazzjoni tal-proviso tal-Artikolu 77Ċ tal-Kapitolu 16. Illi b'hekk jirriżulta li l-partijiet kollha effetwati bil-bidla fil-kunjom, jaqblu li għandhom jassumu il-kunjom I. Għaldaqstant il-Qorti ma tarax għalfejn m'għandhiex tordna illi l-minuri, ossia C, D u E, għandhom b'effett tal-preżenti jassumu l-kunjom I u konsegwentement ser tordna t-tibdil neċessarju fl-atti tat-twelid tagħhom.

DEĊIDE

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża u tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tal-konvenuti billi:

1. Għal kull buon fini tiddikjara illi l-konvenut G F m'huwiex il-missier bijoloġiku u naturali tal-minuri C, D u E imwielda lill-attriċi nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Novembru tas-sena elfejn u tnejn (2002), nhar is-sitta (6) ta' Novembru tas-sena elfejn u

tlieta (2003) u nhar l-għaxra (10) ta’ April tas-sena elfejn u sitta (2006) rispettivament;

2. Tilqa’ l-ewwel talba tal-attriċi u konsegwentement tiddikjara illi l-imsemmija minuri huma l-ulied naturali u bijoloġiċi tal-konvenut H I detentur tal-karta tal-identita` bin-numru XXXX

3. Tilqa’ t-tieni talba attriċi u b’hekk tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex iħassar minn fuq iċ-ċertifikat tal-twelid tal-imsemmi C innumerat erbat’elef tliet mija u tlieta u tmenin tas-sena elfejn u tnejn (4383/2002), tal-imsemmi D innumerat erbat’elef u ħamsin tas-sena elfejn u tlieta (4050/2003), u tal-imsemmija E innumerat elf mitejn u tlieta u tmenin tas-sena elfejn u sitta (1283/2006), kwalsiasi konnotazzjoni li tirreferi għall-konvenut G F u tissostitwixxi dawn bid-dettalji tal-konvenut H I kif jirriżultaw iktar ’il fuq f’din is-sentenza;

4. Tilqa’ t-tielet talba attriċi u tiddikjara illi għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi l-imsemmija C, D u E b’effett mill-preżenti, għandhom ikunu magħrufin bil-kunjom “I”.

5. Għal kull buon fini, tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jekk ikun il-każ, fl-istess atti tat-twelid tal-minuri C, D u E jikkanċella il-kliem “the said” mill-konnotati tal-omm;

6. Tilqa’ r-raba’ talba attriċi u tordna lill-istess konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku joħroġ atti tat-twelid hekk kif korretti.

Bl-ispejjeż, inkluż tal-Kuraturi Deputati, ikunu sopportati b’mod ugwali mill-attriċi A B u mill-konvenut H I.